MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Numru 1285/2008

Il-Pulizija
(Spettur Anna Marie Micallef)

vs

Teresa Fenech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata ta’ karta ta’ identità numru 401462(M), akkuzata talli nhar s-6 ta’ Dicembru 2008, ghall-habta tas-sitta u nofs ta’ filghaxija (18:30hrs), gewwa x-Xatt ta’ tas-Sliema, Sliema, akkuzata talli:

1. bi vjolenza jew b’theddid gaghlet ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x’ taqsam mal-kariga taghhom;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurjat jew hedded, jew ghamlet offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza' jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe' fuq diversi ufficjali tal-pulizija u ufficjali mill-Awtorita dwar t-Transport;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b`hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq diversi ufficjali tal-pulizija u ufficjali mill-Awtorita dwar t-Transport;

4. fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, ikkagunat griehi hfief fuq il-persuna ta' PC857 J. Laferla, skond kif iccertifika Dr. S. Camilleri M.D. mic-Centru tas- Sahha tal-Gzira;

5. fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, ikkagunat griehi hfief fuq il-persuna ta' WPC300 D. Vella, skond kif iccertifika Dr. V. Buhagiar M.D. mic-Centru tas- Sahha tal-Gzira;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, m'obdietx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li hu inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' minn PS240 B. Camilleri, ufficjali tal-pulizija, u ufficjali mill-Awtortita dwar it-Transport, taht l-istess lok u cirkostanzi, jew ma hallietx jew fixklet waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b`xi mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmirijiethom, billi ma halliethomx jaghmlu dak li b'ligi kien ordnat jew setghu jaghmlu, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi;

7. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.
Semghet lill-imputata tammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insistiet anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputata ssibha hatja tar-reati dedotti kontra taghha.

Rat l-Artikou 95, 96, 221, 338, 338(dd) u 17 tal-Kap 9.

Tikkundannaha €200 multa jew ammenda skond il-kaz u tilliberaha ghall-tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-import tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------